**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TLIETA, 12 TA' APRIL FIT-8.15PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Antoine Vella | Kunsillier |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is Sindku Anthony Mifsud ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni għar-*Refund* għall-ispejjeż tal-*Youth Council* ġiet sottomessa.

3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-ispejjeż tal-attività tal-Karnival kienu jammontaw għal 1170 Euro u dawk ta' Jum il-Mara kienu 155 Euro.

3.3 Ġie deċiż li l-baġit tal-attività tal-*Pagaent* tiżdied b'500 Euro, għalhekk ġie 2500 Euro.

3.4 Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm numru ta' risposti għal talbiet mingħand it-TM. Dawn kienu r-*refusal* għall-*residents parking* fil-*parking areas* ta' Binja Qlejgħa, Triq Oswald u quddiem Binja Ġebel Dwejra. Ġew approvati d-*double yellow line* fi Triq San Oswald u fl-entratura tal-bosk. Ġew regolizzati t-tabelli li kien hemm fi Triq Konti Theuma Castelleti kif ukoll is-*sleeping policeman* fl-istess triq.

3.5 Ġie deċiż li tiġi aċċettata l-istima ta' Raymond Borg ta' 588 Euro biex ssir il-bankina fi Triq Leslie Rundle. Dan l-ammont hu biss għax-xogħol manwali u mhux għall-materjal.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-laqgħa mar-rappreżentanti tal-blokkok ta' Binja Qlejgħa saret, u kienet waħda kordjali u informattiva. Ġew infurmati li saret talba biex il-parkeġġi jiġu mdawwla parti mill-i*Streetlighting*.

4.2 Ġie deċiż li titwaħħal *bollard* fi triq ħdejn l-ispiżerija peress li kienu qegħdin jipparkjaw fuq il-bankina. Għandha ssir *site visit* biex tiġi stabbilita jekk dan hux possibli.

4.3 Saret stedina għall-*Pageant* u għas-Serata Poe Mużikali lill-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Chris Said u l-Onor Stefan Buontempo. Ġie deċiż li jingħata *memento* lil *Drama Group*.

4.4 Għandu jerġa' joħroġ il-*flyer* li fuqu jkun hemm il-messaġġ tas-Sindku, kif ukoll informazzjoni fuq l-attivitajiet ta' Jum l-iMtarfa, il-*Pagaent*, il-Poe Mużikali, il-*Party* tal-Għid u Jum l-Omm.

4.5 Saret laqgħa mas-Sur Stephen Petroni rigward *Military Mtarfa*. Ġie stabbilit li 3 *re-enactments*, l-ammunizjoni, il-vetturi militari, u *pyrotechnics* se jiswew 5,000 Euro. Is-Sur Petroni offra ukoll biex joħloq il-*poster* ta' din l-attività.

4.6 Ġie deċiż li jsiru l-preparamenti biex jiddawwal il-Monument li jinsab quddiem Binja Ġebel Dwejra.

## 5 Aġġornamenti u xogħlijiet

5.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li:

Hemm bżonn jitkompla l-*patching* u li jsir tikħil fit-toroq wara l-arloġġ. Għandu jiġi verifikat jekk hemmx *Cameras* fuq l-*Bring In Sites*. Għandu jibda x-xogħol ta' tisbiħ fis-sit fi Triq l-Garafa. Ġiet proposta biex jiċċaqalqu l-bankijiet minn quddiem l-*ironmonger* u jitpoġġew fi Triq Konti Theuma Castelletti. Għandu jiġi mitlub lil TM biex isir parkeġġ fi Triq Ħażnet l-Ilma fuq il-lemin int u dieħel.

5.2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

L-iskips tal-Karta taħt il-Kunsill qegħdin jiġu abbużati għax tal-ħwienet m'humiex qegħdin jgħaffġu l-kaxex. Għandha tintbagħat ittra lil dawn il-ħwienet. Hemm karrozza fi Triq Ħażnet l-Ilma mingħajr liċenzja u bit-*tyers* imniżżlin. Għandha tittieħed azzjoni fuq din. Hemm stedina minn Kastilja lill-Kunsill taż-Żgħażagħ fit-19 ta' April fl-4.30pm, kulħadd huwa mistieden.

5.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li:

Il-*Buffet Breakfast* għal Jum l-Omm ser ikun fl-10 ta' Mejju fis-San Antonio Hotel. L-ispejjeż involuti huma biss t-transport. Għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-*isponsors*.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir fit-18 ta' Mejju fit-8.15pm.

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**